MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1133/1993/2

**Dottor Remigio Zammit Pace , bhala Segretarju, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Elmo Insurance Services Limited, u din rapprezentanti s-socjeta’ estera Sun Alliance & London Insurance plc, surrogata bil-polizza u bil-ligi, fid-drittijiet ta’ l-assikurat taghha s-socjeta’ Cosaitis Limited**

**Vs**

**Reginald Fava u Joseph Anthony Gasan, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Chemimart Limited u Joseph Anthony Gasan u Joseph Grech, ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Gasan Insurance Agency Limited u b’nota tat-28 ta’ Ottubru, 1993, Dr Louis Bianchi assuma l-atti tal-kawza minflok Joseph Anthony Gasan u Joseph Grech u b’nota tat-3 ta’ Dicembru, 2003, is-socjeta’ Gasan Mamo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta’ Gasan Insurance Agency Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta’ attrici fil-25 ta’ Awissu, 1993, li in forza taghha wara li ppremettiet illi fit-23 ta’ Gunju, 1990, is-socjeta’ *Cosaitis Limited* kienet tiggestixxi hanut bl-isem “*Michelle’s Shoe Store*”, sitwat fil-fond 39, *Melita Street*, Valletta;

Ippremettiet illi fid-data fuq riferita, il-hanut imsemmi garrab ‘*overflow*’ ta’ ilma provenjenti minn fondi adjecenti jew sovraposti, li kienu okkupati, fil-pussess jew taht il-kontroll tal-konvenuti *nomine*, jew min minnhom;

Ippremettiet illi konsegwenza ta’ l-‘*overflow’,* is-socjeta’ *Cosaitis Limited* garrbet id-danni;

Ippremettiet illi s-socjeta’ Cosaitis Limited kienet assikurat il-hanut fuq imsemmi ma’ l-attur *nomine*, u ghamlet *claim* lis-socjeta’ assikuratrici attrici in konnessjoni ma’ dan l-incident;

Ippremettiet illi l-attur *nomine*, kif obbligat, indennizza lis-socjeta’ Cosaitis Limited bis-somma ta’ elf mitejn u tmenin lira Maltin (LM1280) ghad-danni li din garrbet konsegwenza ta’ l-‘*overflow*’, ghal liema ammont l-attur *nomine* gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-assikurat tieghu a tenur tal-polizza;

Ippremettiet illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, kienu responsabbli ghad-danni li garrab l-assikurat ta’ l-attur *nomine*;

Ippremettiet illi l-konvenuti *nomine*, interpellati biex jaghmlu tajjeb ghad-danni, baqghu inadempjenti;

Talbet is-socjeta’ attrici biex ighidu il-konvenuti, in rapprezentanza tas-socjetajiet rispettivi, ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex:

1. Tiddikjarahom responsabbli, jew min minnhom, ghad-danni kagunati mill-‘*overflow’* fuq riferita;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf mitejn u tmenin lira Maltin (LM1280) jew somma verjuri, *occorendo* bl-opra ta’ periti nominandi; u

3. Tikkundannahom, jew min minnhom, biex ihallsu lill-attur *nomine* is-somma ta’ elf mitejn u tmenin lira (LM1280) bhala risarciment ta’ l-ammont li dan sborsa a favur ta’ l-assikurat teighu biex jindennizzah ghad-danni li garrab fl-incident fuq riferit, ghal liema ammont l-attur *nomine* gie surrogat fid-drittijiet ta’ l-assikurat tieghu a tenur tal-polizza, jew ammont verjuri.

Bl-ispejjes, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-12 ta’ Settembru, 1991, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ din l-ittra ufficjali, kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta *Gasan Insurance Agency Limited* li in forza taghha eccepew :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li s-socjeta’ konvenuta *Gasan Insurance Aagency Limited* ma kienet b’ebda mod responsabbli ghad-danni imsemmijin fic-citazzjoni ta’ l-attur *nomine*.

2. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigi rigettati bl-ispejjez kontra l-istess attur.

3. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta *Chemimart Limited* li in forza taghha eccepiet illi:

*1.* Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* li s-socjeta' *Chemimart Limited* m'hi bl-ebda mod responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur *nomine.*

2. Illi ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta' *Chemimart Limited*.

3. Illi ghalhekk is-socjeta' *Chemimart Limited* m'ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc tas-7 ta' Frar, 1994, li in forza taghha hatret lil AIC Rene' Buttigieg bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat l-inkartament u l-verbali tas-seduti mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku pprezentat fl-24 ta' Lulju, 2002, u minnu mahluf fl-udjenza ta' l-1 ta' April, 2003;

Rat it-talba tal-konvenut *Gasan Insurance Agency Limited* fejn talab li jeskuti l-perit tekniku;

Rat in-nota pprezentata fl-4 ta' April, 2003, li in forza taghha s-socjeta' konvenuta *Chemimart Limited* talbet il-hatra ta' periti adizzjonali;

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tas-7 ta' Novembru, 2003, fejn is-socjeta' konvenuta *Chemimart Limited* irregistrat li kienet qed tirtira t-talba taghha ghall-hatra ta' periti perizjuri;

Semghet lill-perit tekniku in eskussjoni;

Rat in-noti ta' l-osservazzjonijiet tal-partijiet;

Semghet lid-difensuri tal-partjiet;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi f'din il-kawza jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet tiggestixxi hanut maghruf bl-isem "*Michelle's Shoe Store*" fi Triq Melita, il-Belt Valletta, u fit-23 ta' Gunju, 1990, dan il-hanut garrab '*overflow'* ta' ilma provenjenti minn fondi adjecenti jew sovrapposti, liema fondi kienu fil-pussess jew taht il-kontroll tas-socjetajiet konvenuti. Is-socjeta' sid tal-hanut "*Michelle's Shoe Store*" sofriet danni fil-hanut taghha, ghal liema danni ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, *dietro* surroga, fid-dawl ta' polza ta' assikurazzjoni li kienet tkopri dak il-hanut. Is-socjeta' assikurattrici qed tallega li ghad-danni sofferti mill-assikurat taghha jahtu s-socjetajiet konvenuti, jew wahda minnhom, u ghamlet din il-kawza fejn qed titlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' Lm1280 (elf, mitejn u tmenin liri Maltin) li hi hallset lill-assikurat taghha ghad-danni li hi garbet.

Kif jigri f'kawza simili, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, li quddiemha kienet giet ipprezentata din il-kawza, kienet hatret perit tekniku biex jassistieha fit-trattazzjoni tal-kawza, u dan peress li l-meritu tal-kawza kellu fatti *specie* li kienu ta' materja teknika.

Mill-kostatazzjonijiet li ghamel il-perit tekniku, jirrizulta li l-assikurat tas-socjeta' attrici ghandu hanut fi Triq Melita, Valletta, u hdejn dan il-hanut, fi Triq Melita, kantuniera ma' Triq ir-Repubblika, hemm il-hanut tas-socjeta' *Chemimart Limited,* (qabel maghruf bhala *"Blackley"s*), liema hanut, fit-tieni sular ghandu parti sovrastanti l-hanut ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici. Hdejn il-hanut tas-socjeta' Chemimart Ltd., hemm entratura li jaghti, fl-ewwel sular, ghall-fond uzat bhala ufficcju mid-ditta *Thomas Cook Limited*, u, fit-tieni sular, fond uzat bhala ufficcju mis-socjeta' konvenuta *Gasan Insurance Agency Ltd*. Fil-livell tat-tieni sular hemm bitha li fiha jinzlu l-katusi ta' l-ilma tal-bejt u tad-drenagg tal-bini fis-sulari sovrastanti, minghajr, pero', ebda sfog go dil-bitha peress li l-katusi jibqghu

niezlin, midfunin gol-hitan, ghall-ewwel sular (pjan terren). L-ilma tax-xita li jinzel dirett fil-bitha imur, permezz ta' katusa zghira, sitwata orrizontalment fl-art tal-bitha, gol-medda tad-drenagg. Fil-fatt, gie kkonstatat ukoll li peress li l-medda tal-katusa ta' l-ilma tal-bejt hi ngastata fil-hajt, fil-parti t'isfel taghha, ma saret ebda kommunikazzjoni maghha ghall-isfog ta' l-ilma tal-bitha.

Il-perit tekniku hu ta' l-opinjoni li l-katusa ghall-isfog ta' l-ilma tax-xita mill-bitha mhix skond l-arti u s-sengha, mhux wahda li ghandha tintuza, u aktar soggetta ghas-sadd, specjalment fin-nuqqas ta' attenzjoni u manutenzjoni adegwata u kontinwa; il-perit tekniku ma setghax jeskludi li din il-manutenzjoni ma kienetx issir, mehud kont tal-fatt li l-incident sehh f'Gunju, wara l-istagun tax-xita.

In tema ta' dritt jinghad, skond l-artikoli 1031,1032 u 1033 tal-Kodici Civili, li hi l-ligi komuni applikabbli ghal kulhadd indistinament, li "*kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu*", u "*jitqies fi htija min ma juzax il-prudenza, id-diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja"*. L-istess ligi hi mbaghad daqstant iehor kategorika u cara dwar il-punt illi *"kull min ….. minghajr hsieb li jaghmel jew jonqos li jaghmel id-doveri imposti mill-ligi, huwa obbligat ghall-hsara li tigi minn hekk".* Tali principji jabbraccjaw l-attijiet ta' kummissjoni kif ukoll ta' omissjoni.

Kif intqal fil-kawza "Bonnici vs Mizzi", deciza minn din il-Qorti fit-28 ta' Marzu, 2003, b'approvazzjoni ghal dak li ntqal f'gudikat anterjuri, "*Si ha colpa ed il quasi delitto quando vi ha la violazione di un dovere od una volontaria omissione di diligenza, per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui senza volerlo, ed anche senza avvedersene"* – Vol.XXIV.I.172. Intqal ukoll minn din il-Qorti fil-kawza "Borg vs Falzon", deciza fil-21 ta' Jannar, 1864, li *"Non puo' un vicino esimersi dallo obbligo di rimuovere la causa dei danni che soffrisse l'altro vicino nel proprio fondo quantunque in tale causa concorresse il fatto di altri; contro questi competerebbe tutto al piu' un diritto di rilevanza".*

Fil-kaz in ezami l-kawza tal-hsara li sofra l-hanut ta’ l-assigurat tas-socjeta’ attrici hija l-bitha f’livell tat-tieni sular, u s-socjeta’ konvenuta *Gasan Insurance Agency* Limited kienet l-unika li kellha access dirett ghaliha u, ghalhekk, kienet responsabbli ghall-manutenzjoni u tindif taghha. Dik il-bitha, fil-fatt, fiz-zmien ta’ l-incident, kienet tifforma parti mill-fond okkupat minn *Gasan Insurance Services Ltd*, li hi kienet tikri minghand *Tagliaferro & Sons.* Kien, fil-fatt, l-ilma li ngabar f’din il-bitha li far fil-fond *sottostante* proprjeta’ ta’ l-assigurat tas-socjeta’ attrici.

Il-kawza tal-hsara jidher li kienet in-nuqqas ta’ din is-socjeta’ konvenuta li tiehu hsieb il-manutensjoni tal-katusa li ggorr l-ilma tax-xita li jaqa’ fil-bitha, u dan peress li kien obbligu taghha li tara li jigi evitat il-perikolazzjoni ta’ l-ilma ghall-fondi *sottostanti.*

Il-perit tekniku tefa’ parti mill-htija fuq is-socjeta’ *Chemimart Limited* u dan peress li, dak iz-zmien, din is-socjeta’ kellha haddiema jaghmlu xi xogholijiet fil-post, *“u huwa possibbli, anzi probabbli, li s-sadd sar minhabba l-operat taghhom.”* Din il-Qorti, pero’, ma tistax tikkondividi din l-opinjoni, gahx mhux biss, bhala fatt, ma jirrizultax li l-haddiema tas-socjeta’ *Chemimart Ltd* kienu responsabbli ghal dak is-sadd, izda, jekk kien hekk, xorta tibqa’ r-responsabbilta’ tas-socjeta’ *Gasan Insurance* li tara li dik il-katusa kienet *at all times* libera minn kull sadd u tfixkil ghat-tmexxija ta’ l-ilma. L-obbligu principali biex jara li l-ilma ma jipperikolax fil-fond *sottostante* kien mixhut fuq il-kumpanija *Gasan Insurance* u, jekk kien hemm bzonn, hi kellha tagixxi kontra minn kien responsabbli ghas-sadd biex jassigura li dak is-sadd jitnehha. Din is-socjeta’, pero’, m’ghamlet xejn minn dan, u ma hadetx hsieb tassigura li l-proprjeta’ mikrija liha ma kienetx ta’ hsara ghatt-terzi (ara, bhala rifless ta’ dan il-principju, il-kawza deciza mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-27 ta’ Gunju, 2003, fl-ismijiet “Valenzia noe vs Camilleri”). Il-manutenzjoni tal-katusi ta’ l-ilma tax-xita jaqa’ fid-doveri ta’ l-inkwilini (ara “Debattista vs Spiteri”, deciza minn din il-Qorti fis-17 ta’ Ottubru, 1985) u l-hsara grat precizament ghax is-socjeta’ inkwilina naqset minn dan id-dover taghha. Anke jekk jigi argumentat li l-manutenzjoni tal-

katusi kien obbligu tas-sid, dan l-argument ma jaggevolax il-pozizzjoni tas-socjeta' *Gasan Insurance*, ghax skond l-artikolu 1565 tal-Kodici Civili, l-inkwilin ghandu obbligu, taht piena li jkun responsabbli ghad-danni fin-nuqqas, li jirraporta lis-sid minghajr dewmien kull hsara li tigri fil-fond tieghu. F'dan il-kaz, ma jirrizultax li s-socjeta' inkwilina ghamlet xi rapport dwar il-hsara fil-katusi, u kwindi assumiet ir-responsabbilta' ghad-danni li sehhew b'rizultat ta' dik il-hsara (ara "Fava vs Azzopardi" deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1959.)

Kif inghad, ma jirrizultax, bhala fatt, li s-socjeta' konvenuta l-ohra *Chemimart Ltd*, ikkontribwixxiet ghall-hsara u s-sadd fil-katusa; il-fatt li hi kienet qed taghmel xi xoghol fil-fond taghha, ma jfissirx necessarjament li hi ghandha tkun responsabbli ghall-hsara. Il-fatt li hsara grat waqt li dik is-socjeta' kienet qed taghmel xi xoghol fil-fond taghha ma jfissirx necessarjament li dik is-socjeta' konvenuta ghamlet xi xoghol hazin li wasal ghall-hsara – ara "Bernie vs Micallef", deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1991. Fuq kollox, hemm diversi sidien ohra li ghandhom aperturi ghal fuq din il-bitha, izda l-operat taghhom ma jistax jigi investigat f'din il-kawza ghax mhumiex partijiet fiha. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza "Fenech vs Gauci" deciza fil-21 ta' Frar, 1994, "*Il-konvenut ma jista jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza"*. (Ara wkoll "Borg vs Grima", deciza mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru, 1999). L-istess ghandu jingahd in kwantu xi htija tista' tigi addebitata lis-sid tal-fond mikri lis-socjeta' *Gasan Mamo Insurance Ltd* (peress li l-katusa ma kienetx skond l-arti u s-sengha), liema proprjetarju ma giex imsejjah fil-kawza biex iwiegeb ghal xi ghemil jew nuqqas tieghu.

Ir-responsabbilta' principali biex jigi evitat li tigri hsara fil-fond ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici mill-bitha in kwistjoni kienet tas-socjeta' konvenuta *Gasan Mamo Insur*ance *Ltd*.; ma giet stabbilita ebda htija fis-socjeta' konvenuta l-ohra, *Chemimart Ltd*., u kwindi s-socjeta' l-ohra ghandha terfa' r-responsabbilta' kollha hi wahedha. Lanqas ma

jirrizulta li dak in-nhar nizlet xi xita fenominali u esagerata li tista' titqies bhal forza maggura.

Dwar id-danni, l-ammont indikat huwa ta' Lm1280 (elf, mitejn u tmenin liri Maltin) u din giet pruvata li thallset mis-socjeta' attrici in rifuzjoni tad-danni sofferti mis-socjeta' assikurata. Din is-somma giet ukoll acettata mill-perit tekniku.

Ghaldaqstant, gahr-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi wara li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' *Chemimart Limited*, u tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta' *Gasan Mamo Insurance Limited* tilqa' t-talba t-talbiet attrici fil-konfront biss ta' din l-ahhar indikata socjeta', u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta *Gasan Mamo Insurance Limited* thallas lis-socjeta' attrici, *in linea* ta' danni, s-somma ta' LM1280 (elf, mitejn u tmenin liri Maltin), bl-imghax legali ta' 8% mid-data tan-notifika lilha ta' din ic-citazzjoni, u *cioe*', mid-19 ta' Ottubru, 1993, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjeta' konvenuta *Gasan Mamo Insurance Limited.*

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------